**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Mariam Toure**

**Illum 27 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mariam Toure, detentrici ta' Numru tal-Pulizija 19W-003;

Akkuzata talli fis-26 ta' Dicembru, 2019, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifikat, bidlet jew ghamlet xi tibdil f'passaporti, jew uzat jew kellha fil-pussess taghha xi passaport, li hi kienet taf li gie ffalsifikat, inbidel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Minghajr awtorita' legittima uzat jew kellha fil-pussess taghha xi dokument mehtieg ghal finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputata fis-seduta datata 27 ta' Dicembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija tal-imputata mmarkata bhala Dok LB1, rifjut tal-jedd tal-parir legali mmarkat bhala Dok LB2, rapport tal-Forensika FSL immarkat bhala Dok LB3, kopja tad-dokumenti li kellha fuqha l-imputata mmakati bhala Dok LB4, biljett tal-ajru mmarkat bhala Dok LB5, fedina penali mmarkata bhala Dok LB6, personal details immarkati bhala Dok LB7.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-27 ta' Dicembru, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputata.

In vista tal-fatt li skond kif indikat fit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni jezistu cirkostanzi partikolari hafna f'dan il-kaz minhabba li l-imputata hija omm minuri ta' sitt (6) snin li bhalissa jinsab wahdu, il-Qorti jkollha tiddevja minn dak li normalment tkun il-piena f'kazijiet bhal dawn u l-Qorti tqis huma theddida ghas-sigurta' nazzjonali.

**Decide:**

Ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputata stess, u wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 65 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata **Mariam Toure** hatja tal-imputazzjonijiet dedotta kontra taghha, izda kif gia indikat u ghal ragunijiet partikolari, l-Qorti ser ikollha tkun klementi, tikkundannaha ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**